**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Bartolo)**
**(Sp. Abraham Zammit)**

**vs**

**Carmelo sive Charles Mugliett ta' 36 sena, iben**
**Carmelo u Maria nee Gatt, mwieled Pieta'**
**fit-13 ta' Lulju 1962, u li joqghod 18, Triq is-Sirena, l-Isla,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 457762 (M)**

**Illum 6 ta' Gunju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Carmelo sive Charles Mugliett li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer matul il-perjodu ta' bejn l-4 ta' April, 1999 u x-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) nhar l-4 ta' April, 1999, ghall-habta tas-6.00 p.m. waqt li kien fil-Fgura ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom deheb u flus, liema serq li huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, kif ukoll bil-valur

li jiskorri l-elf lira Maltija (Lm 1000) kif ukoll bil-lok, sar ghad-detriment ta' Anthony Magro mill-Fgura u persuni ohra.

(b) Kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-valur ta' hamsin lira Maltija, izda ma tiskorrix il-valur ta' hames mitt lira Maltija, saret ghad-dannu ta' Anthony Magro mill-Fgura.

(c) Nhar it-2 ta' April, 1999 f'xi hin bejn il-5.00 p.m. u it-7.45 p.m. waqt li kien f'Hal-Tarxien ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom deheb u flus, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, lok, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-valur ta' elf lira Maltija (Lm 1000) sar ghad-detriment ta' Nicholas Farrugia minn Hal-Tarxien u persuni ohra.

(d) kif ukoll fl-istess data, u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta u cioe diversi oggetti fosthom deheb u flus, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija (LM 1000).

(e) kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara li tiskorri l-valur ta' hamsin lira Maltija izda ma tiskorrix il-valur ta' hames mitt lira Maltija saret ghad-dannu ta' Nicholas Farrugia minn Hal-Tarxien.

(f) Kif ukoll f'xi hin bejn is-7.00 ta' filghaxija tat-30 ta' Marzu, 1999 u l-4.45 ta' wara nofsinhar tal-31 ta' Marzu, 1999 waqt li kien il-Fgura ikkommetta serq ta' flus, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-hin, u bil-mezz, sar ghad-detriment ta' Victor Cutajar mill-Fgura.

(g) Kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-valur ta' hamsin lira Maltija imma ma tiskorrix il-valur ta' hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment ta' Victor Cutajar mill-Fgura.

(h) Kif ukoll fl-istess data, u cirkostanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misrurqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta u cioe flus, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom,

(i) Kif ukoll f'xi hin bejn it-28 ta' Marzu, 1999 u d-29 ta' Marzu, 1999 waqt li kien f'Bugibba ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, sar ghad-detriment ta' Zachary Calleja minn St Andrews.

(j) Kif ukoll fl-istess data, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-valur ta' ghaxar liri Maltin saret ghad-detriment ta' Zachary Calleja minn St Andrews.

(k) Kif ukoll fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom,

(l) Kif ukoll f'xi jum, matul il-perjodu ta' bejn l-4 ta' April, 1999 u t-tliet xhur ta' qabel din id-data, ikkommetta serq ta' flus, liema serq ghad-detriment tal-kumpanija bl-isem "MAM Company Ltd."

(m) Kif ukoll f'xi jum fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta

u cioe flus, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom,

(n) Kif ukoll f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn l-4 ta' April, 1999 u t-tliet xhur ta' qabel din id-data, waqt li kien il-Floriana, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u cioe mazz cwievet u mus, liema serq sar ghad-detriment ta' persuni li sa issa l-identita' taghhom ghadha ma gietx maghrufa

(o) Kif ukoll f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn l-4 ta' April, 1999 u t-tliet xhur ta' qabel din id-data, waqt li kien f'Bugibba, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe diversi pakketti tas-sigaretti liema serq, li sar ghad-detriment ta' persuni li sa issa l-identita' taghhom ghadha ma gietx maghrufa huwa ikkwalifikat bin-natura tal-haga misurqa.

(p) Kif ukoll f'xi jum fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kullmod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar akkuzat talli nhar l-4 ta' April, 1999 waqt li kien fil-Fgura, ghal habta tas-6.00 p.m. kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta u cioe mus, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq jew ta' hsara fil-propjeta' kif ukoll fil-hin li kien qed jigi arrestat ghal ghemil ta' xi delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew b'xi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies u cioe Emanuel Magro mill-Fgura.

U fl-ahharnett nakkuzawh talli f'dawn il-gzejjer, nhar l-4 ta' April, 1999 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez peritali ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikli ta' l-Avukat Generali taht liema setghet tinsab htija ta' l-akkuzat.

Rat il-kunsens ta' l-akkuzat ghal proceduri sommarji u cioe dak a fol 350 tal-process.

Ikkunsidrat

Li l-akkuzat inqabad litteralment in flagrante delicto jisraq mid-dar tal-familja Magro fi Triq il-Kuluvert, fejn gie trattenut mill-istess Emanuel Magro. Tali fatt huwa ben korroborat mill-istess familja ta' Magro u girien tieghu li accedew fil-fond biex jaghtih l-ghajnuna. L-ispostament tal-oggetti appartenenti lill-familja Magro, deheb u flus gie anke pruvat, ara per ezempju xhieda ta' Angelo Camilleri (fol 164).

L-akkuzat wara li ttiehed id-Depot irrilaxxa stqarrija.  Fl-istess huwa mhux biss ammetta ghas-serqa fi Triq il-Kuluvert imma ghal serqiet ohrajn li lanqas biss kienu gew rapportati lill-Pulizija.

Illi l-akkuzat gie wkoll akkuzat bir-recidiva, saret prova ta' l-identita' sufficjenti mis-Supt. Martin Bayliss (fol 229) u l-Ispettur Zammit (a fol 339) biex tirrizulta l-istess.

Kif gie premess l-akkuzat ammetta s-serqiet kollha li gie addebitat bihom fl-akkuza. Harsa lejn l-akkuza u ezami mal-fatti rizultanti mil-process wiehed jista' jara li gew pruvati biss is-segwenti reati nonostante l-ammissjoni a tempo vergine fl-istqarrija.

Il-Qorti tqis bhala pruvata l-ewwel akkuza bl-aggravji tal-mezz, hin u valur fil-kuntest ara Dok JM, rapport esebit minn John Mallia, u anke l-ammont ta' flus misruq.  Tqis pero' bhala mhux pruvata wkoll l-akkuza numru (b).

Tikkonsidra pruvata l-akkuza (c) in kwantu dan is-serq ghad-dannu ta' Nicholas Farrugia gie pruvat bl-aggravju tal-mezz, valur u l-hin.

Tilliberah mill-akkuza (d) in kwantu instab hati tar-reat principali ta' serq.

Tilliberah mill-akkuza (e) in kwantu skond Nicholas Farrugia l-hsara kienet ta' Lm 10 u mhux izjed u r-rinviju ta' l-avukat generali ma jispecifika ebda subinciz ta' l-art 325 tal-Kap 9.

Hati wkoll tal-akkuza (f) pero' minghajr aggravju tal-hin in kwantu mhux car meta giet effettwata din is-serqa.  Dan minn dak li xehed l-istess Victor Cutajar u PC 1429 Mangion.  Hati wkoll tal-akkuza (g) wara li rat id-dokument VC a fol 347 tal-process.

Tilliberah mill-akkuza (h) in kwantu dan ir-reat huwa assorbit fir-reat principali.

Inkwantu ghall-akkuza (i) issibu hati ta' l-istess pero' tilliberah mill-akkuza (j) in kwantu anke hawn il-hsara fi kliem Theresa Calleja ma jeccedix il-hames liri.

Fir-rigward l-akkuza (k) hawn ghar-ragunijiet gia premessi qed tilliberah mill-akkuza ta' ricettazzjoni.

Tilliberah mill-akkuza (l) in kwantu ma tirrizultax in kwantu ma ngabet ebda prova li tikkrea ness ma' dan l-istabiliment misruq, kif ukoll mill-akkuza (m) u (n) ghall-istess raguni.  Tilliberah ukoll mill-akkuza (o) ghax dak mistqarr minnu fl-istqarrija mhux prova bizzejjed ta din l-akkuza, logikament liberat anke mill-akkuza (p) ghax ma tirrizultax.

Dwar l-akkuza ikkontemplata taht l-artiklu 13 tal-Kap 66 din ma tirrizultax  stante li minn ezami tal-atti tal-process jidher li x-xhieda ta' WPC 39, jekk ir-ricerka li kienet qed tiddeponi fuqha kienet rigwardanti l-Kap imsemmi ma hargitx u konsegwentement ma gietx traskritta.

Hati pero' taht l-artiklu 24 tal-Kap 66  in kwantu dan huwa sufficjentemnt pruvat.

Fi kwalunkwe kaz kien anke hati tal-kontravenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339(b) tal-Kap 9 li pero' ma giex moghti bhala reat fir-rinviju li bih hargu l-artikoli minghand l-Avukat Generali, ghaldaqstant tali htija mhux qed tigi kkunsidrata fejn jirrigwarda piena.

Hati wkoll talli sar recidiv taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 18, 261 (a), (b) (c) u (f), 262, 263, 267, 269, 270, 276, 277, 278, 279, 280, 20, 325 u 31 tal-Kap 9, 26 u 19 tal-Kap 66, 49 u 50 u 17 tal-Kap 9, issibu hati kif premess. Dwar il-piena rat il-fedina penali ta' l-imputat, rat ukoll iz-zewg rapporti redatti minn Dr Victor Shields. Qieset bir-reqqa l-istess rapporti u l-mod kif l-istess akkuzat esprima ruhu ma' l-istess Dr Shields. Qieset ukoll li l-akkuzat jirrikonoxxi li ghandu problema ta' droga li wasslitu f'dawn ic-cirkostanzi u li jhoss li b'ghajnuna donnha mixtieqa jista' johrog minn din il-problema. Dana kollu pero' ma jimminimizza xejn mill-gravita' tar-reati minnu kommessi, pero' l-koperazzjoni estrema tieghu mal-Pulizija sa mill-bidu nett ghandha tigi premjata. Dan anke tenut kont tal-fatt li l-imputat sa wasal biex svela reati li l-istess Pulizija lanqas kienu jafu bihom.

Thoss ukoll li ghalkemm piena karcerarja hija idonea, pero' ghandha imhabba c-cirkostanzi u anke ghax temmen li apparti li ghandu jigi penalizzat, l-akkuzat ghandu jircevu dik id-debita ghajnuna biex meta johrog mill-Facilita' Korrettiva ma jergax jsib ruhu fl-istess diffikultajiet. Rat ukoll iz-zmien li l-istes Mugliett ghamel f'arrest preventiv u qeghda tikkundannah ghal tmintax-il xahar prigunerija. Tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs li Charles Mugliett ghandu jinghata kull opportunita' ta'

kura psikjatrika u psikologika u kura kontra abbuz tad-droga, jekk huwa juri din ix-xewqa.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-mus.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.